**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 29 ta' Settembru 2022**

**Rikors Nru. 134/2020/2 GM**

**Lilia Nikolayevna Mukhortova (ID 34767A)**

**vs**

**Av Henry Antoncich bħala mandatarju speċjali ta' Alexander Moxavitch Bernstein (ġieli Bernchtein)**

**Il-Qorti,**

Din hija sentenza dwar eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Qorti.

Ir-retroxena li tat lok għal din l-eċċezzjoni hija din: Il-partijiet iżżewġu fir-Russja fil-1985. Fil-1995 ir-raġel xtara appartament f'San Pawl il-Baħar f'ismu biss. Fit-2001 iddivorzjaw. Il-mara baqgħet tgħix fl-appartament flimkien ma' bintha. Permezz ta' din il-kawża qed titlob li jiġi ddikjarat li nofs l-appartament huwa tagħha u jiddawwar f'isimha. Ir-raġel għamel kontro-talba biex l-appartament jiġi ddikjarat kollu tiegħu u fin-nuqqas ssir il-liċitazzjoni tiegħu. Talab ukoll kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond mis-27 ta' Mejju 2013 meta tqiegħdet in mora. Il-mara, fir-risposta għall-kontrotalba eċċepiet li hija kompetenti s-Sezzjoni tal-Familja ta' din il-Qorti. Eventwalment il-Prim Imħallef iddikjara li

hija din il-Qorti li għandha l-kompetenza. It-tieni eċċezzjoni tagħha hi li huwa l-Bord li Jirregola l-Kera li hu kompetenti, għaliex it-talba għall-kumpens għall-okkupazzjoni tammonta għal kirja taħt id-definizzjoni ta' kirja mogħtija mill-Artiklu 44 tal-Kap 69. Il-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza dwar din l-eċċezzjoni.

L-Artiklu msemmi jikkontempla tliet sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt il-kappa ta' "kirja" għall-fini tal-Kap 69:

(a) Kull ċens għal inqas minn 16-il sena. Ebda ċens m'hu nvolut u għalhekk din l-ipotesi m'avveratx ruħha.

(b) Kull ftehim li b'riħtu xi ħadd jiġi milqugħ f'xi fond bi ħlas kull tant żmien, diment li ma jkunx lukanda jew alloġġ bil-liċenzja. Fil-każ preżenti l-mara m'okkupatx l-appartament bi ftehim u lanqas kien hemm ħlas kull tant żmien. Lanqas din l-ipotesi ma seħħet.

(c) Kull ftehim ieħor li bih xi jedd reali jew personali, li jħaddan dak tal-okkupazzjoni, jingħata taħt titlu oneruż jew kommutattiv għal xi żmien. Ma kien hemm l-ebda ftehim b'titlu oneruż jew kommutattiv bejn ir-raġel u martu. Anke hawn il-fattispeċje ma jinkwadrawx ruħhom fl-ipotesi kkontemplata mil-liġi.

Għal dawn il-motivi t-tieni eċċezzjoni għall-kontrotalba qiegħdha tiġi miċħuda.

Spejjeż a kariku tal-attriċi.

Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA